

# 100 Sena Banda Rjali - Duke of Connaught's Own 1903-2003



**Princess Louise Margaret of Prussia, Duchess of Connaught**

Din is-sena l-Banda tagħna se tagħlaq il-100 Sena tagħha bħala Banda Rjali - hekk kif il-Banda fl-1903 ingħatat l-isem u l-uniformi mid-Duka nnifsu - Il-Prinċep Arthur ta' Connaught. B'hekk l-ewwel banda Karkariża u Elenjana kienet waħda minn dawk il-Baned Maltin li f'dik l-epoka ħadu l-isem tagħhom minn personaġġi li żaru pajjiżna u baqgħu msemmija fl-istorja ta' Malta, b'mod speċjali dawk b'rabta mal-familja Rjali Ngliża. Illum il-Banda tagħna hija fost dawk is-sitt Baned li baqgħu bl-istess titlu - King's Own tal-Belt Valletta, Queen Victoria taż-Żurrieq, Prince of Wales tal-Birgu, King George V tal-Imqabba u Queen's Own ta' l-Isla. Sabiex tfakkar dan l-avveniment ta' storja, il-Banda tagħna sejra ttella' programm mużikali kbir f'Novembru li ġej. Tajjeb nagħtu ftit tagħrif dwar min kien id-Duka ta' Connaught u l-konnessjoni tegħu mas-soċjeta` mużikali tagħna.

Arthur William Patrick Albert kienu l-ismijiet tat-tielet wild fost seba' tar-Reġina Victoria u l-Prinċep Albert. Twieled fl-1 ta' Mejju 1850 u kien l-aktar iben li fost ħutu ħa l-karriera militari b'serjeta` kbira sa minn meta kellu 16-il sena. Bi żmien okkupa l-ogħla karigi sew fil-Gran Brittanja kif ukoll fl-Imperu Ngliż. Fl-1869 huwa mar għal sena ġewwa l-Kanada mar-riġment tiegħu fejn kien midħla ħafna tal-Kanadiżi li hu stess kien jiddeskrivihom bħala nies onesti, ta' ftit ħsieb imma lejali. Wara hu kien ġie promoss kaptan fir-'Rifle Brigade' u kulunell fl-1876. Ommu tagħtu t-titlu ta' Duka ta' Connaught fl-1874. Arthur ta' Connaught iżżewweġ lill-Prinċipessa Louise Margaret ta' Prussia fit-13 ta' Marzu 1879 u kellu tlett itfal - Margaret 1882, Arthur 1883 u Patricia 1886.



**Prince Arthur, Duke of Connaught**

Fl-1902 ġie mlaħħaq Field Marshall u Commandor in Chief u High Commissioner għall-Mediterran. Fl-1903 id-Duka ta' Connaught kien fuq żjara f'pajjiżna, fl-istess waqt li l-banda tagħna kienet qed tħejji biex tagħmel uniformi ġdida, peress li kienet mistiedna tagħmel żewġ programmi mużikali kbar f'Ħal Qormi fl-okkażjoni ta' 16-il Ċentinarju mill-martirju ta' San Ġorġ. Il-Kumitat kien iddeċieda li jagħmel unifromi militàri għall-banda u għalhekk inħatret kummissjoni mmexxija mill-President Dr. Alfred Parnis LL.D. sabiex iżuru d-Duka u jgħidulu bil-proposta ta' l-uniformi. Id-Duka aċċetta mhux biss talli offra l-Istandard Rjali u ismu stess lil din il-banda u l-uniformi żżanżnet fuq stedina tal-Prinċep Arthur li jsir programm mill-banda fil-ġnien privat ta' San Anton.

Fost l-avvenimenti li seħħew waqt li d-Duka kien pajjiżna baqa' jissemma l-ftuħ ta' sptar ġdid għall-mard infettiv fl-Imdina li seħħ fit-22 t'April 1909 għal din iċ-ċerimonja attenda hu d-Duka stess ir-Re Dwardu VII. Dan l-isptar issemma għad-Duka ta' Connaught billi kien hu li kkontribwixxa s-somma ta' Lm 800 biex inxtara apparat ġdid għalih. Ftit wara Lord Asquith kien issuġerixxa li l-appuntament tad-Duka bħala C-in-C fil-Mediterran jiġi estiż b'sena oħra.

Fl-1910 huwa inawgura l-parlament unit tas-Sud Afrika u sena wara laħaq gvernatur ġeneral fil-Kanada. Arthur ta' Connaught kellu għal qalbu ħafna l-iscouts fejn saħansitra f'Birkinhead fl-Ingilterra waqqaf kamp għal 50,000 Scout. Id-Duka miet fis-16 ta' Jannar 1941 meta kellu 91 sena.

**SILVIO'S** *Chairs & Tables for Hire and Sales*

Stockist & Supplies of all types of: Chairs, Stools, Armchairs, Tables,
Deck chairs, Sun beds, Garden Furniture, Kitchen Doors, etc.

**Silvio Grech • 25 Triq il-Kataniż, Industrial Area, Ħaż-Żebbuġ**

**Garage Tel. 2146 8982 • Res. 2146 1683 • Mob: 9945 4333**

Għall-Prezzijiet Raġonevoli

***Maria Concetta Store***

Prop. George Mizzi

**Triq l-Imrieħel, Birkirkara**

(it-telgħa tal-Prince)

*Jawgura l-Festa t-Tajba lill-Klijenti u l-Karkarizi kollha*